MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 45/2005/1

Rikors Nru: 45/05

Dr Carmelo Cassar ID 21120M, Martha Manghi ID 33731M, Maria Rosella Dalmas ID 525548M, John Cassar ID 442152M, Luigi Cassar Manghi ID 519059M; Richard Chetcuti ID 708661M u Marina Attard ID 717357M

Vs

Louis Sam Galea ID 537849M u martu Miriam sive Mary Anne Galea ID 488957M ghall kull interess li jista jkollha

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-avukat Dr Carmelo Cassar et li jesponu bir-rispett:

Illi huma bhala aventi causa ta Mary Cassar jikru lil intimat Louis Sam Galea il-fond numru mija tnejn u erbghin (142)

qabel bin-numru 160, Triq in-Naxxar Birkirkara ghan-negozju tieghu ta tiswija ta vetturi kif jirrizulta mill-iskrittura ta lokazzjoni kopja Dok A u dan bil-kera ta lira (Lm1) kull jum u zieda ta 5% kull hames snin jithallas kull tliet xhur bil-quddiem. L-iskadenza li tmiss taghlaq fl-1 ta Lulju 2005.

Illi l-intimat Louis Sam Galea naqas li jhallas il-kera ghal iskadenzi tal-1 ta April 2003, 1 ta Lulju 2003, 1 ta Ottubru 2003, 1 ta Jannar 2004, 1 ta April 2004, 1 ta Lulju 2004, 1 ta Ottubru 2004 u l-1 ta Jannar 2005 u dana minkejja li gie interpellat kemm il-darba anki bl-ittri ufficjali tal-24 ta Novembru 2004 u tas-27 ta Jannar 2005.

Illi ghalhekk l-intimat Louis Sam Galea huwa moruz ghal finijiet tal-Artiklu 9 (a) (i) tal-Kap 69.

Illi l-intimat mhux qed jintuza l-fond ghall-iskop li ghalih gie mikri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu ghal-ragunijiet fuq imsemmija li jigu awtorizzati minn dan il-Bord ma jgeddux il-lokazzjoni tal-fonx 142 Triq in-Naxxar Birkirkara fl-iskadenza li tmiss u konsegwentement li dan il-Bord jordna l-izgumbrament tal-intimat Louis Sam Galea, u ta martu Miriam sive Mary Anne Galea jekk il-kaz, fi zmien qasir u perentorju.

Ra li l-intimati debitament notifikati bil-procedura tal-affissjoni la ressqu twegiba u lanqas dehru quddiem il-Bord biex jikkontestaw it-talba.

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ra l-artikolu 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta Malta

Jilqa t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jergghu jiehdu f'idejhom il-fond numru 142 qabel numru 160 Triq in-Naxxar, Birkirkara; ghall-ghan ta tkeccija jaghti xahar zmien m'illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------